**MALTA**

**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

Seduta tal-21 ta' April, 2017

Talba Numru: 26/2017 AM3

Numru fuq il-Lista: 38

**Alfaran Trailers Maintenance and Logistics Services Limited (C31341)**
**Hal Far Road,**
**Hal Far,**
**L/o Birzebbugia**

**vs**

**SAS Geodis Calberson Lille Europe,**
**Lille BP457**
**7 Av De La Rotonde 59160**
**Lomme**
**France**

It-Tribunal,

Ra l-Avviż tat-Talba fl-ismijiet premessi, ippreżentat fis-17 ta' Jannar, 2017 illi permezz tiegħu is-Soċjeta' attriċi talbet mingħand is-Socjeta' konvenuta s-somma ta' elfejn disa' mija u hamsin ewro (€2,950) ghal garr ta' merkanzija provdut mis-Socjeta' attrici lis-Socjeta' konvenuta fuq inkarigu tal-istess Socjeta' konvenuta;

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm is-Socjeta' konvenuta giet notifikata kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-avviż tas-Seduta, is-Socjeta' konvenuta ma kkontestatx il-kawza fit-termini preskritt mil-ligi u lanqas ma deher hadd għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-Soċjeta` attriċi u l-fatt li s-Socjeta konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-Soċjeta` attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lis-Socjeta' konvenuta hallas lis-Socjeta' attrici s-somma ta' elfejn disa' mija u hamsin ewro (€2,950) bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż a karigu tas-Socjeta' konvenuta.

**Av. Anna Mallia**
**Ġudikatur**